**Minuti tat-Tnejn u Għoxrin (22) laqgħa**
**tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar it-Tlieta 17 ta' Settembru, 2013 fl-4:30 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Maria Natoli harget mill-laqgħa fis-6:00 minħabba mpenji oħra.

---

1. **Talba.** Il-laqgħa bdiet bit-talba.

2. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru wieħed u għoxrin (21) tas-seba' Kunsill ġew ikkorġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

3. **Kuntratti.** Għar-rigward ta' item 24 (kuntratti tal-Kunsill) fil-minuti tal-20 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Lulju 2013, Josianne Cutajar iddikjarat illi hija ma talbitx li jkun hemm timetable ta' ġranet u ħinijiet iżda biss ta' ġranet tat-tindif tat-toroq. Fejn jidħlu tenders ta' tindif tal-ġonna u provvediment ta' servizzi oħra Josianne Cutajar issuġġeriet illi jkun hemm "monthly report" dwar ix-xogħol li jkun sar mill-kuntaturi rispettivi.

4. **Korrispondenza.**

(4649) Cirkulari mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar laqgħa tas-Sindki
(4650) Kopja ta' risposta dwar applikazzjoni għar-reserved Parking
(4651) PHCD Memo 33/2013 – "Seasonal Influenza Campaign 2013
(4652) Memo 21/2013 – Linji Gwida Dwar Telefon Ċellulari tal-Kunsilli Lokali
(4653) Email mingħand TCTC dwar korsijiet tal-ICT
(4653) Risposta dwar Memo 17/2013 – Għajnuna Finanzjarja għall-live streaming
(4654) Formola għan-nominazzjoni – Anzjan tas-Sena 2013
(4655) Email mingħand l-assistant direttur Pio Farrugia dwar il-ħaddiem George Mercieca
(4656) Notifika mill-MEPA dwar PA/06951/06 – Site at Triq it-Torri ta' Kenuna and Triq Dun Karlu Zimech
(4657) Ittra mill-Bird Breeders Society
(4658) Email mill-MEPA dwar fondi – UIF għall-monument
(4659) Ittra minn Cynthia Muscat – Fund Raising Manager Radju Luminaria
(4660) Ittra dwar il-Car Free Day Competition
(4661) Email mingħand Transport Malta dwar pedestrian crossing fi Triq Il-Madonna ta' Lourdes
(4662) Email mingħand Liliana Camilleri, Xarabank manager dwar programm ġdid.
(4663) Ittra mill-Għaqda Armar Triq Diċembru 13 dwar self ta' imwejjed u antarjoli

**Charles Said, Sindku** | **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

(4664) Ittra mis-Superjura tal-MUSEUM tal-bniet dwar servizz ta' van
(4665) ittra mill-Ministeru għal Għawdex dwar kors tal-universita' tat-tielet eta' f'Għawdex 2013-2014

5. **Vandaliżmu fi Gnien ta' Kenuna.** Il-Kunsill irċieva email mingħand il-GO plc dwar vandaliżmu fil-Gnien ta' Kenuna. Jidher li kien qed jitkissru l-flood lights fil-Ġnien b'mod regolari. Huma talbu nformazzjoni dwar l-għassa li suppost ikun hemm mal-ġnien. Il-Kunsill informahom li l-"Watchmen" huma mpjegati tal-Ministeru għal Għawdex kif hemm stipulat fil-kuntratt li kien sar bejn il-GO plc, Il-Kunsill Lokali Nadur u l-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill innota li sar ukoll xi vandaliżmu fuq il-bankijiet tal-ġebel fl-istess Gnien.

6. **Kors EU3.** Il-kors tal-Universita ta' Malta għall-persuni tat-tielet eta ser jerġa' jiġi organizzat. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jinkoraggixxi żewġ persuni sabiex jattendu għal dan il-kors billi jħallas il-miżata ta' €12 għal kull persuna. Il-Kunsill diġa għamel hekk fis-sena preċedenti. Il-Kunsilliera qablu li dan jerġa jsir u għandha tiġi nformata l-coordinator tad-Day Care Centre ta' l-anzjani sabiex tinforma lill-parteċipanti tad-Day Care Centre. Il-persuni maghzula m'għandhomx ikunu l-istess persuni tas-sena ta' qabel.

7. **ETC**. Il-Kunsill irċieva lista ta' applikanti għall-post ta' skrivan/a mal-Kunsill tan-Nadur. L-ETC bagħtet lista aġġornata b'persuna li kienet tħalliet barra minħabba żball tagħhom..

8. **Laqgħa tas-Sindki.** Ser issir laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki nhar il-Gimgħa u Sibt 27 u 28 ta' Settembru f'Malta. Peress li s-Sindku ser ikun msiefer ser jattendi l-Viċi Sindku – Eucharist Camilleri.

9. **Tilqima tal-Influenza.** Il-Kunsill ser joffri s-servizz tat-tilqima tal-influenza. Din l-iskema hija miftuħa biss għall-persuni li għandhom minn 55 sena l' fuq. Persuni oħra li huma ntotolati għat-tilqima bla ħlas iridu jagħmluha fil-berġa r-Rabat.

10. **Memo 21/203 – Linji Gwida Dwar Telefon Ċellulari tal-Kunsilli Lokali.** Il-Kunsill ġie nformat li jista jkollu *mobile* mħallas mill-Kunsill li jinżamm mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li hi ma tħossx il-bżonn ta' dan il-mobile.

11. **Korsijiet tal-Computer.** Saret offerta lill-Kunsill sabiex jigu organizzati korsijiet tal-computer fil-lokal tiegħu iżda l-kondizzjonijiet li kien hemm fl-offerta ma kienux attrajenti għall-Kunsill. Barra minn hekk il-Kunsill m'għandux post adattat fejn jistgħu jsiru dawn il-korsjijet.

12. **Day Centre għal Anzjani.** Gie osservat li m'għandux ikun hemm konflitt bejn id-Day Care Centre eżistenti li huwa mmexxi minn Gemma Zammit u dak li qed jiġi organizzat issa fid-Dar fit-Triq it-Tiġrija. Oriġinarjament l-attivitajiet li kienu ser isiru fid-dar ta' Triq it-Tiġrija kienu ser isiru għall-irġiel anzjani peress li dawn ma iħossuhomx komdi jattendu d-day centre ta' nhar ta' Tlieta filgħodu. Romeo

Pace li qed immexxi d-Dar ta' Triq it-Tiġrija għandu jinforma lill-Kunsill bl-attivitajiet li jkunu qed jiġu organizzati.

13. **Streaming on-line tal-laqgħat tal-Kunsill.** Il-Kunsill ser jingħata €2300 għal spejjes inkonnessjoni mas-sistema tal-on-line streaming tal-laqgħat tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għal dan il-għan. Il-kwotazzjoni għandha tinkludi "setup and running" tas-sistema kif ukoll manutenzjoni tagħha. Trid tinkludi wkoll l-fee tat-technician li għandu jkun preżenti waqt dawn il-laqgħat, installazzjoni tas-sistema, hosting, l-appartat kollu meħtieġ u disinn (pjanta) ta' kif ser ikun l-apparat fis-sala (peress li s-sala tintuża għal diversi attivitajiet fosthom wirjiet ta' arti u riċivementi ect.)

14. **Anzjan tas-Sena 2013.** Il-Kunsill irċieva applikazzjoni u regolamenti għall-Premju Anzjan tas-Sena 2013. Is-Sindku Charles Said innomina lil Maria Portelli ta' Triq l-Imnarja. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din in-nominazzjoni.

15. **Ħaddiema assenjati mal-Kunsill.** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill tneħħewlu żewġ ħaddiema li kienu assenjati miegħu. Dawn ser jiġu jiswew madwar €5000 jekk il-Kunsill ikollu joħroġ offerta għax-xogħol li kienu jagħmlu. Il-Kunsill għandu jerġa jikteb lid-dipartiment għall-Gvern Lokali u jitlob sabiex jingħata persuni oħra minflokhom.

16. **Wirja ta' Għasafar.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Gozo Bird Breeders Society sabiex bħas-sena preċedenti terġa tittella wirja ta' għasafar fis-Sala tal-każin tal-banda. Din qed tiġi pjanata għal nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru. Il-Kunsill qabel li jikkollobora f'din l-attivita tant mistenna mid-dilettanti fir-raħal u alloka l-ammont ta' €150 għal dan il-għan.

17. **Triq l-Imġarr.** Eucharist Camilleri ġibed l-attenzjoni li fejn tranġat Triq l-Imġarr hemm periklu peress li nbena ħajt tal-kantun 'il barra mill-ħajt tat-triq. Dan il-ħajt mhux mdawwal u hemm periklu li xi ħadd jaħbat ġo fih. Il-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni lid-Dipartiment tax-xogħolijiet dwar dan.

18. **Monument/Tifkira fi Triq it-Torri ta' Kenuna.** Ix-xogħol fil-monument/tifkira li qed jsir fi Triq it-Torri ta' Kenuna miexi b'ritmu tajjeb. Il-kuntrattur għandu jiġi nformat sabiex dan ikun mogħtti sakemm issir l-inawgurazzjoni tiegħu.

19. **Radju Luminaria.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Cynthia Muscat u Joe Meilak f'isem Radju Luminaria. Huma nformaw lill-Kunsill bil-prezzijiet ta' reklami għal fuq ir-radju. Kien hemm qbil li dan huwa mezz tajjeb ta' kif tikkomunika mal-poplu tan-Nadur. Il-Kunsill fil-prinċipju jaqbel li għandu jagħmel reklimar fuq ir-radju bl-attivitajiet u avviżi tal-Kunsill.

20. **Car Free Day.** L-applikazzjoni tal-Kunsill għall-attivitajiet inkonnessjoni ma' *Car Free Day* ma ġietx aċċettata mill-Gvern Lokali. L-Għaqda Armar Triq Xandriku

kienet ser tikkollobora mal-Kunsill f'din l-attivita. Il-Kunsill ser jgħin fl-attivita Xandriku Fest u ser jiehu ħsieb id-dawl, siġġijiet u kantant għal dan il-lejl.

21. **Zebra Crossing.** Il-Kunsill għamel talba lit-Transport Malta għal zebra crossing fi Triq il-Madonna ta' Lourdes kantuniera ma Triq Agius de Soldanis. Transport Malta talab site plan u proposta ta' fejn għandha ssir din iz-zebra crossing. Il-Kunsill ħatar lil perit Edward Scerri sabiex jieħu ħsieb id-dokumenti neċessarji.

22. **Measure 313 (2nd Call).** Peress li l-fondi għal din is-sejħa huma limitati il-Kunsill iddeċieda wara li kkonsulta mal-MEUSEC li napplikaw għal parti mill-Proġett ta' tisbih tal-Pjazza (Phase I). Peress li t-trails li għandna n-Nadur kollha jitilqu mill-Pjazza San Pietru u San Pawl, il-Kunsill ser japplika sabiex issir embellishment fuq naħa waħda tal-Pjazza (in-naħa fejn hemm il-banek) u nstallazzjoni ta' tabelli madwar it-trails. Il-Kunsilliera qablu li fin-nuqqas ta' approvazzjoni ta' fondi minn din is-sejħa, l-Kunsill għandu xorta joħroħ sejħa għax-xogħolijiet inkonnessjoni ma' tibdil tal-bankini, qlugh ta' siġar, tranġar tas-sistemma tad-drenaġġ, eċċ) fuq din in-naħa tal-Pjazza.

23. **MUSEUM Bniet Nadur.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Superjura tal-MUSEUM tal-Bniet. Huma talbu sabiex il-Kunsill jikkollabora magħhom biex jiġi provdut is-servizz ta' transport għall-bniet li jattendu l-MUSEUM. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandu jgħin f'din l-ispiża peress li dan huwa servizz għat-tfal tar-raħal u ser jħallas sa €350 mill-ispejjes inkonnessjoni ma' dan is-servizz.

24. **Hitan tas-Sejjieħ.** Josianne Cutajar ġibdet l-attenzjoni, waqt li kienu qegħdin jiġu approvati l-kontijiet, dwar il-kont ta' Lawrence Borg ta' xogħol inkonnessjoni ma' bini ta' ħitan tas-sejjieħ fil-Wied tar-Ramla. Josianne Cutajar astjeniet milli tapprova l-ħlas ta' dan il-kont u dan għaliex dan ix-xogħol qabez l-ammont ta' direct order u ma kienx hemm offerta.

25. **Website tal-Kunsill.** Il-website tal-Kunsill il-ġdida ittellgħet fuq l-Internet. Hemm xi affarijiet li jridu jiġu rranġati. Dan il-website ser jiġi "managed" mill-Kunsill .

26. **Kwotazzjonijiet.** Il-Kunsill talab kwotazzjonijiet għax-xiri ta' erbgħin siġra taż-żebbug. Kien hemm żewġ kwotazzjonijiet: Joe Camilleri bil-prezz ta' €6.80 kull siġra u Xerri's Garden Centre bil-prezz ta' €6.50 kull siġra. Il-Kunsill għażel l-kwotazzoni ta' Xerri's peress li din kienet l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-Kunsill talab ukoll kwotazzjonijiet għat-tisbieħ tas-soft areas ta' Triq it-Tramuntana u Triq David Cocco Palmeri. Dan ix-xogħol ser jitħallas mill-Għaqda Riħan peress li għad fadal xi fondi fl-"accounts" tagħhom u huma m'għadhomx jiffuzjonaw. Il-kwotazzjonijiet ser jingħataw lilhom biex jaraw liema huma l-aħjar għal dawn is-soft areas.

**Charles Said, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

**27. Jum il-Kunsill.** Is-Sindku ppreżenta d-draft tal-programm ta' Jum il-Kunsill 2013. Dawn huma l-attivitajiet pjanati:

**Il-Ħadd, 3 ta' Novembru 2013**
9.30 a.m. Quddiesa ta' ringrazzjament fil-Kappella taċ-Ċimiterju u wara inawgurazzjoni tal-Monument b'tifkira taż-żgħażugħ Bryan Portelli. Xogħol ta' l-artista Herminie Sammut.

**It-Tnejn, 4 ta' Novembru 2013**
3.30 p.m. Sports Day fil-Qasam tal-M.U.S.E.U.M. għat-tfal kollha Nadurin.

**Is-Sibt, 9 ta' Novembru 2013**
7.30 p.m. Lejliet il-festa tal-Kon Patrun San Koronatu. Fit-Teatru MBC jitella Kunċert Mużikali mill-Banda Mnarja. Isir iċ-ċerimonja tal-premju 'Ġieħ in-Nadur' li din is-sena ser jingħata lis-Sinjorina Salvina Butigieg. Wara isir riċeviment.

**Il-Ħadd 10 ta' Novembru 2013**
8.30 a.m. Il-membri tal-Kunsill jattendu għal quddiesa Pontifikali ta' Jum il-festa ta' San Koronatu.
8.30 a.m. – 1.00 p.m. Isir 'Blood Donation' f'dar San Pietru u San Pawl, Triq Diċembru 13.

**It-Tnejn 11 ta' Novembru 2013**
7.30 p.m. Ftuħ ta' Wirja fis-Sala Joe Tabone ta' xogħlijiet ta' l-istudenti li attendew diversi korsijiet ta' arti matul is-sajf. Isir riċeviment għall-membri tal-għaqdiet tan-Nadur.

**It-Tlieta 12 ta' Novembru 2013**
9.30 a.m Talk għal Anżjani mill-membri tal-Korp tal-Pulizija fis-Sala Parrokjali.

**Il-Ġimgħa 15 ta' Novembru 2013**
7.30 p.m. 'Min hu n-Naduri li għamel isem'. Serata fil-Gebuba Wine Bar. Is-sena ser tlaqqana ma' Dun Charles Vella. Imexxi s-Serata is-Sur Charles Xuereb.

**Is-Sibt 16 ta' Novembru 2013**
2.00 p.m . Tħawil ta' siġar mill-'Għaqda Riħana f' diversi zoni tan-Nadur.

**Il-Ħadd 17 ta' Novembru 2013**
11.00 a.m. Ftuħ tad-Day Centre f' 'Dar Dun Franġisk Grima' fi Triq it-Tiġrija.
9.00a.m Fil-Futbol Ground 'Peter Camilleri ', jsir it-tournament 'Joe Tabone Memorial Tournament'.
9.00 a.m – 1.00 p.m. Fi Pjazza San Pietru u San Pawl isir wirja ta' Vetturi Klassici u Militari Antiki u ta' kollezzjoni ta' armi mill-Assocazzjoni AMACS.

**It-Tnejn, 18 ta' Novembru 2013**
4.00 p.m. Harġa għal Anżjani.

**28. Milied 2013.** Il-Kunsill iddeċieda li joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għat-tiżjin tat-Triq Diċembru Tlettax, parti minn Triq il-Knisja u Pjazza San Pietru u San Pawl. Il-Kunsill ser jorganizza "Open Market" nhar il-Ħadd 8 ta' Diċembru 2013.

**Charles Said, Sindku**  **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

Il-Kunsill ser jorganizza attivita għall-familja nhar il-Ħadd 22 ta' Diċembru 2013 fit-3:00 ta wara nofsinhar li fiha ser tiegħu sehem il-Big Friends Guggen Musik Band.

**29. Materji oħra.** Maria Natoli talbet li ssir ħadida fejn jistgħu jiddendlu il-boroż ta' skart fi Triq tad-Duru kantuniera ma Triq tax-Xini. Dr. Rita Mifsud qalet li dwar it-talk għall-ġenituri minn Sedqa, jista jsir kors ta' sitt ġimgħat. Dan jista' jsir bil-kollaborazzjoni ta' l-Iskola Primarja. Eucharist Camilleri talab biex xi darba tiġi nkluża fl-agenda il-proġett ta' Zvilupp Sportiv f'Xandriku. Hu kompla jgħid li l-MFA għenet lil diversi lokalitajiet finanzjarjament u forsi nkunu nistgħu nitolbu għajnuna f'dan il-proġett. Josianne Cutajar talbet sabiex issir bozza ġdida (street lighting) f' 104A Triq it-Tiġrija. Josianne Cutajar talbet sabiex fl-aġenda jiġu nklużi l-items kollha. Gie spjegat lilha li dan mhux dejjem ikun possibbli peress li l-Agenda tal-Laqgħa toħroġ ġimgħa qabel. U f' dik il-ġimgħa jistgħu jinqalgħu affarijiet oħra li jkun hemm bżonn diskussjoni u deċizjoni fuqhom.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:50. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 24 ta' Ottubru 2013 fit-3:00 ta' wara nofsinhar.

**Charles Said, Sindku**  **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali: Nadur** **Skeda N22**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data: 20/08/13 sa 30/09/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | MEUSAC | €500.00 | €500.00 | | Deposit Measure 313 | 09/04/13 | | 12160 |
| 2 | Local Council Association | €122.00 | €122.00 | | Mayors' Meeting | 17/09/13 | | 12161 |
| 3 | Bernandy Supermarket | €66.44 | €66.44 | | Youth Exchange | 19/09/13 | | 12162 |
| 4 | Lucienne Said | €263.25 | €263.25 | | Child Day Care | 18/09/13 | | 12163 |
| 5 | Pauline Vella | €245.70 | €245.70 | | Child Day Care | 18/09/13 | | 12164 |
| 6 | Marion Rapa | €263.25 | €263.25 | | Child Day Care | 18/09/13 | | 12165 |
| 7 | KITE GROUP | €25.00 | €25.00 | | Book | 13/09/13 | | 12166 |
| 8 | Rodlean Said | €789.75 | €789.75 | | Child Day Care | 18/09/13 | | 12167 |
| 9 | Radju Luminaria | €105.00 | €105.00 | | Advertising | 18/09/13 | | 12168 |
| 10 | Ghaqda Armar Triq Dic. 13 | €100.00 | €100.00 | | Feast activities | 03/09/13 | | 12169 |
| 11 | MUSEUM Nisa Nadur | €350.00 | €350.00 | | | 27/08/13 | | 12170 |
| 12 | United Mini Bus Service | €337.50 | €337.50 | | Transport for Youth Exchange | 31/08/13 | | 12171 |
| 13 | Qala Saints FC | €251.50 | €251.50 | | Youth Exchange Dinner | 22/08/13 | | 12172 |
| 14 | Joseph Muscat | €140.00 | €140.00 | | Comino Ferry Youth Exchange | 15/08/13 | | 12173 |
| 15 | Sharklab-Malta | €50.00 | €50.00 | | Boat Tours Etc Youth Exchange | 30/08/13 | | 12174 |
| 16 | D-Square | €4.20 | €4.20 | | Yotuh Exchange Supplies | 20/08/13 | 243 | 12175 |
| 17 | Grech's Bakery | €38.90 | €38.90 | | Youth Exchange Food Supplies | 28/08/13 | 55800 | 12176 |
| 18 | Mekrin Bakery | €85.00 | €85.00 | | Ftajjar Youth Exchange | 18/08/13 | | 12177 |
| 19 | Joseph Camilleri | €28.80 | €28.80 | | Youth Exchange Drinks | 14/08/13 | 1822 | 12178 |
| 20 | St Peter & St Paul Office | €100.00 | €100.00 | | Youth Exchange Use of Hall | 26/08/13 | | 12179 |
| | | | | | | | | |
| | **Total** | **€3,866.29** | **€3,866.29** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 20/08/13 sa 30/09/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Ray's Caterug Service | €76.70 | €76.70 | | Food for Youth Exchange | 12/08/13 | 970 | 12180 |
| 22 | Joseph Camilleri | €42.30 | €42.30 | | Hardware supplies | 12/08/13 | 1819 | 12181 |
| 23 | Xerri l-Bukkett Restaurant | €299.25 | €299.25 | | Dinner for Youth Exchange | 08/11/13 | 3397318 | 12182 |
| 24 | P&J Debono Cons Ltd | €690.17 | €690.17 | | Konkos | 31/08/13 | 16413 | 12183 |
| 25 | Portelli Print | €180.54 | €180.54 | | Recepit books & flyers | 09/10/13 | 842/841 | 12184 |
| 26 | Peter Paul Said | €1,129.13 | €1,129.13 | | Works with Cherry picker, chain saw etc | 18/09/13 | 3272/3274 | 12185 |
| 27 | Commissioner of Police | €619.21 | €619.21 | | Wine Festival Police Security | 30/08/13 | 43719 | 12186 |
| 28 | Rodlean Said | €41.59 | €41.59 | | Child Day Care Supplies | 30/08/13 | | 12187 |
| 29 | Joseph Camilleri | €34.10 | €34.10 | | Hardware supplies | 16/09/13 | 1834 | 12188 |
| 30 | Anthony Mercieca | €280.40 | €280.40 | | Bulky refuse collection for August | 31/08/13 | 852 | 12189 |
| 31 | Spiro Sillato | €100.00 | €100.00 | | Musical Services during Wine Festival | 17/08/13 | 2733288 | 12190 |
| 32 | Charlie Camilleri | €140.00 | €140.00 | | Art Attack Summer Course | 13/09/13 | | 12191 |
| 33 | Mary Portelli | €140.00 | €140.00 | | Mosaic Summer Course | 13/09/13 | | 12192 |
| 34 | Josephine Sammut | €280.00 | €280.00 | | Two Summer course Classes | 13/09/13 | | 12193 |
| 35 | Charles Said | €104.02 | €104.02 | | Flights refund | 27/09/13 | | 12194 |
| 36 | Joseph Caruana Co Ltd. | €756.00 | €756.00 | | Hardware supplies | 09/05/13 | 12843 | 12195 |
| 37 | Tac-Callu Turnkey Contractor | €866.28 | €866.28 | | Xoghol ta'bini tas-sejjiegh | 31/08/13 | 1f/2013 | 12196 |
| 38 | Peter Paul Said | €778.61 | €778.61 | | Work with machinary | 30/08/13 | 3273/ 3275 | 12197 |
| 39 | Charles Saliba | €300.00 | €300.00 | | Presenter Services | 10/09/13 | | 12198 |
| 40 | Franklin Cardona | €55.00 | €55.00 | | Flyer Distribution | 10/09/13 | | 12199 |
| | | **€6,913.30** | **€6,913.30** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€3,866.29** | **€3,866.29** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€10,779.59** | **€10,779.59** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Minuti 22

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda N22**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
## Data: 20/08/13 sa 30/09/13

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | John Cassar | €550.00 | €550.00 | | Musical Services at Nadur Wine Festiva | 10/09/12 | | 12200 |
| 42 | Andrew Camilleri | €765.00 | €765.00 | | Website design and Development | 31/08/13 | | 12201 |
| 43 | Josef Camilleri | €104.50 | €104.50 | | Parks & Gardens | 10/09/13 | 27 | 12202 |
| 44 | Marvin Camilleri | €161.50 | €161.50 | | Parks and Gardens | 10/09/13 | 26 | 12203 |
| 45 | Lepeirks Travel Ltd. | €70.00 | €70.00 | | Transfer with return | 10/09/13 | 232 | 12204 |
| 46 | Joseph Cauchi | €633.00 | €633.00 | | Gnien il-Kunsill Maintenance | 06/09/13 | 67 68 69 | 12205 |
| 47 | GO plc | €120.53 | €120.53 | | Telephone Bill | 06/09/13 | 341280066 34128070 | 12206 |
| 48 | Chris Paul Cardona | €174.50 | €174.50 | | Sweeping San Blas Street | 05/06/13 | 13 | 12207 |
| 49 | United Mini Bus Service | €70.00 | €70.00 | | Elderly Outing Transport | 31/08/13 | | 12208 |
| 50 | Saviour Xiberras | €105.00 | €105.00 | | Diesel Allowance | 31/08/13 | | 12209 |
| 51 | John Ivan Xuereb | €907.50 | €907.50 | | General Hand and Sweeping of Grunju Area | 31/08/13 | 18933 18932 | 12210 |
| 52 | Salvu Meilak | €185.25 | €185.25 | | Maintenance of Public Convenience | 09/03/13 | 8664094 | 12211 |
| 53 | Charles Mifsud | €190.00 | €190.00 | | Street Sweeping Xaghri Area August | 28/08/13 | | 12212 |
| 54 | Peter Paul Buttigieg | €87.00 | €87.00 | | Service Charge for website maintenance | 06/09/13 | 110 | 12213 |
| 55 | Mary Attard | €74.52 | €74.52 | | Librarian Awissu | 31/08/13 | | 12214 |
| 56 | KIP Ghawdex Ltd. | €3,971.00 | €3,971.00 | | Refuse collection during August 2013 | 31/08/13 | 16168 | 12215 |
| 57 | BDL Ltd. | €51.50 | €51.50 | | Supply of books for library | 29/08/13 | 214403 | 12216 |
| 58 | Zephyr Garage | €110.00 | €110.00 | | Transfers in Malta | 31/08/13 | ZGV13 43 | 12217 |
| 59 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | €96.62 | €96.62 | | Contract manager fee August 2013 | 30/08/13 | 2129 | 12218 |
| 60 | Mario Mallia | €145.91 | €145.91 | | Road Marking Paint | 31/08/13 | 1620 | 12219 |
| | | **€8,573.33** | **€8,573.33** | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€10,779.59** | **€10,779.59** | | | | | |
| | **Total** | **€19,352.92** | **€19,352.92** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data: 20/08/13 sa 30/09/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Ian Vella | €600.00 | €600.00 | | Wine Festival Performance | 30/08/13 | | 12220 |
| 62 | JCR Ltd. | €236.25 | €236.25 | | Supply of tiles etc | 03/09/13 | 48679 48405 48739 | 12221 |
| 63 | MITA | €19.87 | €19.87 | | E-mail addresses hosting | 27/08/13 | SIN028654 | 12222 |
| 64 | Joseph Mercieca | €787.50 | €787.50 | | Secuirty during wine festival | 18/08/13 | 1346339 | 12223 |
| 65 | BCD Ltd. | €63.00 | €63.00 | | Printing of End of Summer Markt Posters | 24/08/13 | 4124 | 12224 |
| 66 | Permanent Secretary | €50.00 | €50.00 | | Advert | 30/08/13 | | 12225 |
| 67 | Kelly Cassar | €50.00 | €50.00 | | Wine Festival | 28/08/13 | | 12226 |
| 68 | Richard Cauchi | €1,592.81 | €1,592.81 | | Maintenance of Street Lights | 20/08/13 | 2062 | 12227 |
| 69 | ELC Ltd. | €450.00 | €450.00 | | Spraying of palm trees | 02/09/13 | 9997 | 12228 |
| 70 | A. F. Ellis Home Decor Ltd. | €168.00 | €168.00 | | Supply of tiles for monument area | 02/09/13 | 20977 | 12229 |
| 71 | Sammy Attard | €1,517.00 | €1,517.00 | | Supply of water | 01/08/13 | 40 | 12230 |
| 72 | Smart Office Supplies Ltd. | €33.63 | €33.63 | | Supply of stationary | 26/08/13 | 13044743 | 12231 |
| 73 | Anna Camilleri | €60.35 | €60.35 | | Hardware supplies | 23/09/13 | 243 | 12232 |
| 74 | Tropical Forest | €7.50 | €7.50 | | Supplies | 09/09/13 | 1131 | 12233 |
| 75 | Vella Garage | €618.78 | €618.78 | | Supplies | 12/08/13 | 155 | 12234 |
| 76 | Road Construction Co. Ltd. | €90.00 | €90.00 | | Cold Mix (bags) | 22/08/13 | 11909 | 12235 |
| 77 | Joseph Azzopardi | €120.00 | €120.00 | | Wine Festival Performance | 18/08/13 | | 12236 |
| 78 | Richard Cauchi | €1,916.50 | €1,916.50 | | Maintenance of Street Lights | 20/08/13 | 2063 | 12237 |
| 79 | Andrew Muscat | €60.00 | €60.00 | | Wirja Agrarja | 23/06/13 | | 12238 |
| 80 | Joseph Mercieca | €1,015.68 | €1,015.68 | | Hire and Dumping of Skips May'13 | 10/06/13 | 99 | 12239 |
| | **Sub Total c/f** | **€9,456.87** | **€9,456.87** | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€19,352.92** | **€19,352.92** | | | | | |
| | **Total** | **€28,809.79** | **€28,809.79** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Skeda N22

**Kunsill Lokali: Nadur**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data: 20/08/13 sa 30/09/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | Robert Grech | €490.99 | €490.99 | | Nadur Shelter | 07/08/13 | 236/751-03 | 12240 |
| 82 | Peter Camilleri | €178.72 | €178.72 | | Electricity Consumption Wine Festival | 31/7/13 | | 12241 |
| 83 | Mario Camilleri | €24.00 | €24.00 | | Transport | 29/08/13 | | 12242 |
| 84 | Eucharist Camilleri | €247.08 | €247.08 | | Portugal Travel | 31/08/13 | | 12243 |
| 85 | Dr. Rita Mifsud | €247.08 | €247.08 | | Portugal Travel | 31/08/13 | | 12244 |
| 86 | Rita Mifsud Attard | €247.08 | €247.08 | | Portugal Travel | 31/08/13 | | 12245 |
| 87 | Peter Muscat | €247.08 | €247.08 | | Portugal Travel | 31/08/13 | | 12246 |
| 88 | Anton Said | €247.08 | €247.08 | | Portugal Travel | 31/08/13 | | 12247 |
| 89 | Ines Buttigieg | €247.08 | €247.08 | | Portugal Travel | 31/08/13 | | 12248 |
| 90 | Josianne Cutajar | €288.26 | €288.26 | | Portugal Travel | 31/08/13 | | 12249 |
| 91 | Adriana Camilleri | €288.26 | €288.26 | | Portugal Travel | 31/08/13 | | 12250 |
| 92 | Michelle Said | €288.26 | €288.26 | | Portugal Travel | 31/08/13 | | 12251 |
| 93 | Rosalin Said | €288.26 | €288.26 | | Portugal Travel | 31/08/13 | | 12252 |
| 94 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | | 12253 |
| 95 | Claire Xuereb | €55.00 | €55.00 | | Refund of overpayment for Child Day Care Centres | 26/09/13 | | 12254 |
| 96 | Nadur Local Council | €108.03 | €108.03 | | Petty cash | 27/09/13 | | 12255 |
| 97 | Rita Mifsud Attard | €68.25 | €68.25 | | Reimbursement | 27/09/13 | | 12256 |
| 98 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | | Advert | 27/09/13 | | 12257 |
| 99 | Charles Said | €380.63 | €380.63 | | Allowance | 30/09/13 | | 12258 |
| 100 | Rita Mifsud Attard | €1,579.36 | €1,579.36 | | Salary & Weekly Allowance | 30/09/13 | | 12259 |
| | **Sub Total c/f** | **€5,529.82** | **€5,529.82** | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€28,809.79** | **€28,809.79** | | | | | |
| | **Total** | **€34,339.61** | **€34,339.61** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Nadur**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 16 ta' Ottubru 2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 101 | Therese Finger | €1,005.20 | €1,005.20 | | Salary and Weekly Allowance | 30/09/13 | | 12260 |
| 102 | Saviour Xiberras | €1,127.15 | €1,127.15 | | Salary O/T & weekly allowance | 30/09/13 | | 12261 |
| 103 | Commissioner of Inland Revenue | €1,568.30 | €1,568.30 | | Sep-13 | 30/09/13 | | 12262 |
| | **Sub Total c/f** | **€3,700.65** | **€3,700.65** | | | | | |
| | **Sub Total b/fTotal** | **€34,339.61** | **€34,339.61** | | | | | |
| | **Total** | **€38,040.26** | **€38,040.26** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier